MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2008

Numru. 979/2006

Il-Pulizija
(Sp Alfred Mallia u Sp Pierre Micallef-Grimaud)
vs
Jesmar Caruana, iben Joseph, imwieled Pieta’ fil-11 ta’ novembru, 1963
u
Christopher Micallef, iben Joseph, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ ġunju, 1976
u
Dieter Dalli, iben Mario, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ april, 1984

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati –
1. talli fit-8 ta’ settembru, 2006 għal habta tas-6.00 p.m. fix-xatt tal-Floriana, flimkien ma persuni oħra mhux magħrufa, xewxu jew ħadu parti attiva f’ġemgħa ta’

għaxra min-nixes jew aktar illi hekk miġbura, bil-ħsieb li jagħmlu reat;
2. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi, attakkaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li jkunu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita' kompetenti;
3. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi, inġurjaw jew heddu jew għamlu offiża fuq diversi membri tal-Korp tal-Pulizija ezekuttiva, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Dominic Andrew Spencer, skond ma ċċertifikaw it-tobba Dr. Valerie Anne Fenech M.D. u Dr. A. Chircop M.D. ta' l-Isptar San Luqa;
5. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsara volontarja fuq nuċċali tal-vista liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (lm50) u dan għad-dannu ta' Dominic Andrew Spencer;
6. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi, volontarjament kisru l-paċi u il-bon ordni b'għajjat u ġlied;
7. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi, qalu fil-pubbliku, kliem indeċenti u oxen liema kliem kien jikkonsisti f'espressjonijiet ta' dagħa;
8. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi, ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija esekuttiva, fixklu jew indaħlu fid-dmirijiet tal-pulizija, jew ma ħallewx lil ħaddieħor jagħmel dak li bil-liġi kien ordnat jew li seta' jagħmel;
lil **Christopher Micallef** u lil **Dieter Dalli**, it-tnejn flimkien –
9. talli għal habta tas-7.00 p.m. ta' l-istess jum, ġewwa Triq Sant' Anna, Floriana, flimkien ma persuni oħra mhux magħrufa, xewxu jew ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nixes jew aktar illi hekk miġbura, bil-ħsieb li

jagħmlu reat fejn volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsara volontarja fuq siġġijiet, imwejjed u vending machine liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin għad-dannu tal-Każin tal-Banda Vilhena tal-Floriana.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' mejju, 2008 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –

fil-konfront ta' **Jesmar Caruana**:

1. fl-artikolu 68 tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikolu 96(b) tal-Kodiċi Kriminali;
3. fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali;
4. fl-artikoli 214 u 221 tal-Kodiċi Kriminali;
5. fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
6. fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali;
7. fl-artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali;
8. fl-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali;
9. fl-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;
10. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

fil-konfront ta' **Christopher Micallef**:

1. fl-artikolu 68 tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikolu 96(b) tal-Kodiċi Kriminali;
3. fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali;
4. fl-artikoli 214 u 221 tal-Kodiċi Kriminali;
5. fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
6. fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali;
7. fl-artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali;
8. fl-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali;
9. fl-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;
10. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

fil-konfront ta' **Dieter Dalli**:

1. fl-artikolu 68 tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikolu 96(b) tal-Kodiċi Kriminali;
3. fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali;
4. fl-artikoli 214 u 221 tal-Kodiċi Kriminali;
5. fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
6. fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali;

7. fl-artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali;
8. fl-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali;
9. fl-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;
10. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' ġunju, 2008 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' ġunju, 2008 fejn l-imputati ammettew l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati bil-ġurament.

Għaldaqstant, issib lill-imputat **Jesmar Caruana** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95, 96(b), 214, 221, 325(1)(b) u 338(bb)(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn euro (€200). Issib lill-imputat **Christopher Micallef** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 68, 95, 96(b), 214, 221, 325(1)(b) u 338(bb)(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn euro (€200).
Issib lill-imputat **Dieter Dalli** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 68, 95, 96(b), 214, 221, 325(1)(b) u 338(bb)(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien tlett snin

mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ mitejn euro (€200).  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok tal-applikazzjoni ta’ l-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tat-tlett imputati.  Lanqas mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti f’dawn il-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------